QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**John Joseph Cauchi**

Numru: 81/2011

Illum 18 ta' Novembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **John Joseph Cauchi**, ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, iben Saviour u Carmen neé Axiak, imwieled Sydney, Australia, nhar is-16 ta' Marzu, 1986, residenti fil-fond numru 81, Triq Hamsin, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 61196(M), akkuzat talli fil-granet ta' bejn il-25 u l-31 ta' Marzu 2007 u fix-xhur ta' wara, gewwa Mgarr, Ghawdex u gewwa postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer ta' Malta, f'hinijiet differenti:

1. ikkommetta serq ta' mutur *outboard* tal-ghamla Suzuki liema serq hu aggravat bil-valur, liema valur jammonta

ghal aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) izda mhux aktar minn minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Hans Joachim Link u/jew persuni ohra;

2. matul is-sena 2009 u fix-xhur u s-snin ta' qabel gewwa diversi postijiet f'dawn il-Gzejjer f'hinijiet differenti, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioé mutur *outboard* ta' l-ghamla Suzuki mehud b'qerq jew akkwistat b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta u dan ghad-detriment ta' Hans Joachim Link u/jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C" – *a fol.* 10).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 15).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-*parte civile*.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi (*a fol.* 99).

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 99 *et seq,*) fejn il-Qorti tat zmien lill-Prosekuzzjoni u lill-*parte civile* sabiex jipprezentaw n-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom bil-miktub sal-1 ta' Gunju 2015.

Semghet, fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2015 (*a fol.* 102 *et seq.*), lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Rat illi l-*parte civile* baqghet ma pprezentatx in-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha fiz-zmien lilha moghti skond il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Marzu 2015.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Gunju 2015 (*a fol.* 102 *et seq.*) fejn il-Qorti kkoncediet zmien lill-*parte civile* sal-25 ta' Settembru 2015 sabiex tkun tista' taghmel in-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha bil-miktub.

Rat illi, ghal darb'ohra, il-*parte civile* baqghet ma pprezentatx in-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha fiz-zmien lilha moghti skond il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Gunju 2015.

Semghet, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2015, is-sottomissjonijiet finali da parti tal-konsulenti legali tal-imputat (*a fol.* 105 *et seq*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012, xehdet **Rita Link** (*a fol.* 16 *et seq.*) fejn spjegat li madwar sitt jew seba' snin qabel kienet ghamlet rapport rigward il-fatt li kien insteraq *outboard engine* Suzuki minn fuq *speed boat* safra mix-xatt. Tghid li, jekk tiftakar sew, dan kien 50hp. Tixhed li din il-magna kienet tar-ragel taghha Hans Joachim Link (maghruf bhala John Link) li miet. Tghid li ghal dan il-mutur kienet thallset is-somma ta' Lm650 u li kien inxtara minn ghand Ronnie's Marine Centre f'Malta. Tghid li zmien wara li sar ir-rapport, ir-ragel taghha kien lemah il-mutur in kwistjoni u gew infurmati l-Pulizija. Tghid li min kien ha l-mutur kien zebghu iswed u wara li gie mibrux dan gie *silver grey*.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012, xehed ukoll **PC 1368 Edward Camilleri** (*a fol.* 20) fejn spjega li fil-5 ta' Gunju 2007 kien jinsab xoghol fl-Ghassa ta' Ghajnsielem fejn marret Rita Link li rapportatlu li kien insteraq mutur *outboard* ta' dghajsa 40hp minn fuq id-dghajsa tar-ragel taghha. Jispjega wkoll li fit-28 ta'

Frar 2011 waqt li kien xoghol fl-istess Ghassa, mar John Link fejn infurmah li kien ra dghajsa bil-mutur *outboard* li kien gie rapportat nieqes. Jghid li meta marru fuq il-post fejn inghad li kien dan il-mutur, instab li dan il-mutur kien mizbugh kollu iswed. Jghid li John Link kien gharaf dan il-mutur minhabba l-*cover* tieghu peress li kien partikolari.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012, xehed ukoll **PS 1233 John Attard** (*a fol.* 22 *et seq.*) fejn filwaqt li xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PC 1368 Edward Camilleri, ezebixxa kopja tar-rapport li gie mhejji minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JA 1" (*a fol.* 24 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 88 *et seq.*), ikkonferma li l-mutur li nstab ma kellux ghatu kif jidher f'ritratt Dok. "FT 4" (*a fol.* 61).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012, xehed ukoll **PS 1407 Frank Portelli** (*a fol.* 29) fejn spjega li fit-28 ta' Frar 2011 hu flimkien ma' PC 1233 u PC 1368 u s-Sur Link marru fejn gew infurmati li kien il-mutur in kwistjoni u li s-Sur Link identifika l-mutur.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012, xehed ukoll **PS 1464 Michael Portelli** (*a fol.* 31 *et seq.*) fejn qal li fit-2 ta' Marzu 2011 kien ghamel kuntatt ma' Lawrence Cauchi li huwa sid ta' dghajsa li kienet tghajjat lilu. Jghid li fl-10 ta' Marzu 2011 kien ghamel kuntatt mas-Sur Link biex imur jara l-mutur in kwistjoni fejn dan infurmawh minn fejn kien gharaf il-mutur b'mod specjali minhabba l-alterazzjonijiet li kien saru mis-Sur Link stess. Jghid li kienu baghtu ghal certu Jean Pierre li gharaf il-mutur u qalilhom li kien xtrah minn ghand l-imputat Cauchi. Jghid li fit-2 ta' Marzu 2011 baghtu ghall-imputat fejn qalilhom li kien xtrah minn ghand wiehed jismu Pacolu.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 91 *et seq.*), qal li l-imputat kkopera mal-Pulizija u kkonferma li l-imputat kien semma li certu Pacolu li baqa' qatt ma nstab u ma rnexxiehomx jaslu min kien dan il-persuna.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2012, xehed **Lawrence Cauchi** (*a fol.* 35 *et seq.*) fejn spjega li madwar sentejn qabel huwa kien biegh dghajsa lil John Joseph Cauchi (li ma gharfux fl-awla) u t-*transfer* ma sarx. Jghid li d-dghajsa kienet *speed boat* orange u kellha *outboard* fuqha ta' 35hp Johnson u kif ukoll il-karru. Jghid li sa dakinhar li xehed id-dghajsa kienet ghadha tghajjat lilu (lil Lawrence Cauchi).

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2012, xehed **Emanuel Vella** (*a fol.* 43 *et seq.*) fejn qal li madwar sentejn u nofs qabel huwa kien xtara mutur iswed Suzuki minn ghand l-imputat. Jghid li kien bieghu lil siehbu (sieheb Vella) certu Jean Pierre Le Prevost. Jghid li, jekk jiftakar sew, huwa (Vella) kien xtrah ghas-somma ta' mitejn Euro (€200) u li bieghu bejn wiehed u iehor ghas-somma ta' €160-170. Jghid li meta xtara l-magna ma nghata l-ebda dokumenti. Jghid li l-mutur dam ghandu madwar sena.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **Jean Pierre Le Prevost** (*a fol.* 47 *et seq.*) fejn qal li kienu baghtu ghalih il-Pulizija minhabba l-mutur Suzuki. Jghid li huwa xtara dan il-mutur minn ghand Emanuel Vella ghas-somma ta' madwar €150. Jghid li ma ffirmaw l-ebda dokumenti.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 53 *et seq.*) in segwitu tal-investigazzjonijiet redatti minnu wara li Rita Link ghamel ir-rapport hawn fuq imsemmi fil-5 ta' Gunju 2007. Ezebixxa hames (5) ritratti tad-dghajsa in kwistjoni, liema ritratti gew immarkati bhala Dok. "FT 1" sa "FT 5" (*a fol.* 58 *et seq.*). Jisjega li minn investigazzjonijiet li ghamel hu, irrizulta li d-dghajsa kienet issejjah lil certu Jean Pierre Le Prevost, li gie imsejjah minnu fejn infurmah li kien xtara d-dghajsa u l-mutur minn ghand certu Emanuel Vella mix-Xewkija. Jghid li gie imsejjah Emanuel Vella li kkonferma li kien biegh il-mutur in kwistjoni lil Le Prevost u li huwa (Vella) kien gabu minn ghand certu John Joseph Cauchi. Ikkonferma d-dikjarazzjoni u l-istqarrija rilaxxati mill-imputat Cauchi. Ezebixxa wkoll l-okkorrenza li giet immarkata bhala Dok. "FT 7" (*a fol.* 64 *et seq.*). Jghid li meta sar ir-rapport minn Rita Link u r-ragel taghha dawn ikkonfermaw illi l-mutur allegatament misruq kien tal-

ghamla Suzuki *outboard* li kellu l-valur ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700) u li mieghu kien ukoll insteraq *trailer*, l-ghamla u l-valur ta' liema mhux maghrufa. Jghid li l-kulur originali tal-mutur kien *silver* u li *di fatti* meta ngiref il-kulur iswed, hareg il-kulur *silver*.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 81 *et seq.*), ikkonferma li l-imputat kkollabora mal-Pulizija. Jghid li l-imputat tahom numru ta' certu Pacolu minn ghand min kien xtara. Jghid li ma rrizultax min kien dan Pacolu. Jghid li minkejja li pprova jcempel fuq in-numru moghti lilu mill-imputat, in-numru ma' kienx jahdem. Jiftakar li l-imputat ma kienx tah dan in-numru bl-amment.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012, xehed ukoll **Nazzareno Zammit** (*a fol.* 70 *et seq.*) fejn spjega li huwa rapprezentant tal-hanut bl-isem ta' Ronnie's Marine Centre liema hanut jinsab fil-Gzira. Jghid li xi sena qabel kien mitlub jara mutur partikolari fejn ikkonferma li huwa kien biegh dan il-mutur Suzuki madwar disa' jew ghaxar snin qabel. Jghid li ma jiftakarx il-kulur u li: *"Imma ma nafx hux l-istess wiehed jien. Ghax jiena naf li lir-ragel tas-sinjura kont bieghtlu mutur"* (*a fol.* 71). Jghid li anqas setgha jsib l-*engine number* u minkejja li fittex fejn dan normalment ikun ma kien hemmx *engine number*. Jghid li l-mutur li ra kien sprejjat.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-istqarrija (Dok. "E" – *a fol.* 12 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur Tabone, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa ma hax dan id-dritt (Dok. "D" – *a fol.* 11), spjega li kien biegh dinghy b'mutur *outboard* iswed lil missier Emanuel Vella u dana ghal madwar Lm200. Huwa jghid li xtara dan il-mutur minn ghand certu Pacolu, li jekk mhux sejjer zball kien jismu Patrick. Jghid li kien xtara dan il-mutur madwar sentejn u nofs qabel. Spjega kif sar dan il-bejgh u qal li meta sar il-bejgh ma kien hemm l-ebda dokumenti. Jghid li ma ppruvax jirregistra l-mutur u meta gie mistoqsi jghid x'*serial number* ghandu wiegeb: *"Nghid li le ma ghandiex*

*amment"* (*a fol.* 13). Mistoqsi jghid jekk kienx iccekkja jekk kellux *serial number*, wiegeb: *"Nghid li le ghax meta xtrajtu l-anqas idea ma kelli"* (*a fol.* 13). Ghad-domanda: *"Jekk nghidlek li s-serial number ta' dan il-mutur fil-verita' huwa migruf ghax xi hadd kien hassru xi twiegeb?"*, wiegeb: *"Nghid li l-anqas idea ma kelli. Jista' jkun li hassru minn ghand min xtrajtu jew anke lil min kont bieghejtu ma nafx nghidlek ghax jien kif ghidtlek ma tajt kaz"* (*a fol.* 14). Ghad-domanda jekk meta xtara dan il-mutur issuspettax li dan setgha kien misruq, wiegeb li anqas biss habat ma' rasu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'zewg imputazzjonijiet: taht l-ewwel (1) imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' serq bil-kwalifika tal-valur u taht it-tieni (2) imputazzjoni qed jigi akkuzat bir-reat ta' ricettazzjoni.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**
**(Artikoli 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi l-imputat qed jigi akkuzat li seraq mutur *outboard* tal-ghamla Suzuki. Il-Qorti ser l-ewwel tikkunsidra r-reat ta' serq *per se* u, f'kaz li dan jigi pruvat, tikkunsidra l-kwalifika tal-valur imsemmija fl-ewwel (1) imputazzjoni.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro".*
>
> (ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u

gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- Jirrizulta li ntseraq il-mutur *outboard* tal-*parte civile* Link li kien inxtara minn ghand Ronnie's Marine Centre u li dan skond l-imputat, fl-istqarrija rilaxxata minnu, jinghad li xtrah minn ghand certu Pacolu, liema imputat bieghu lil Emanuel Vella u li dan mbaghad bieghu lil certu Jean Pierre Le Prevost.

- Il-mutur *outboard* insteraq f'Marzu 2007 u dan il-mutur jinghad li ntlemah minn Hans Joachim Link fi Frar 2011. Allegatament jinghad li dan kien l-istess mutur li nsteraq pero jirrizulta li l-mutur li nstab kien mizbugh kollu iswed u li Link kien gharaf dan il-mutur minhabba l-*cover* tieghu peress li kien partikolari.

- Hans Joachim Link ma xehedx f'dawn il-proceduri peress li miet.

- Minkejja li d-difiza, fis-sottomissjonijiet finali taghha, tghid li l-mutur *outboard* baqa' qatt ma gie ezebiet f'dawn il-proceduri, dan mhux minnu. *Di fatti*, l-Ufficjal Prosekutur

l-iSpettur Frank A. Tabone ezebixxa formalment dan il-mutur fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012 (*a fol.* 52; *Vide* wkoll Dok. "FT 8" – *a fol.* 69). Minkejja dan, il-mutur *outboard* ma giex identifikat minn mart Hans Joachim Link.

- Ma gie prodott l-ebda *engine number* jew *serial number* tal-mutur li nsteraq. Apparti minn dan, Nazzareno Zammit, ir-rapprezentant ta' Ronnie's Marine Centre, filwaqt li kkonferma li huwa biegh mutur lir-ragel ta' Rita Link jghid: *"Imma ma nafx hux l-istess wiehed jien"* (*a fol.* 71). Ma giex sodisfacentement pruvat li l-mutur li jsir riferenza ghalih fl-imputazzjoni huwa l-istess wiehed li gie ezebiet formalment f'dawn il-proceduri. Il-Qorti tinnota li PC 1368 Edward Camilleri (*a fol.* 20) qal li Hans Joachim Link kien gharaf dan il-mutur minhabba l-*cover* tieghu peress li kien partikolari! B'kull rispett, dan mhux bizzejjed.

- Fl-istqarrija (Dok. "E" – *a fol.* 12 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat, ma hemm xejn li permezz taghha jista' jinghad li l-imputat ghandu jkun misjub hati tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma ghandha xejn ma xiex torbot li l-mutur li sabet mal-fatt li l-imputat kkommetta s-serq tieghu. Ghaldaqstant, il-Qorti tinnota li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi jkun opportun li ssir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Schembri** deciza fit-30 ta' April 1992, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dan l-oggett kellu provenjenza illegittima u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, huwa hati ta' ricettazzjoni. (Collez. Vol. XLV.IV.1032). Fil-kaz prezenti rrizulta illi l-appellat

> kien ircieva fil-garaxx tieghu xorb ikkonsenjat lilu ghal hamsa u nofs ta' filghodu minn ghand bniedem illi l-appellat innifsu ddikjara li kien jafu bhala kriminal. L-appellat dana ghamlu bhalma ghamel verifiki jew xi domanda rigwardanti l-provenjenza ta' dak ix-xorb. F'dawn ic-cirkostanzi jidher ovvju illi l-appellat kellu aktar minn suspett dwar il-kriminozità tal-provenjenza".

Illi fil-ktieb tieghu **"Recent Criminal Cases Annotated"**, l-Imhallef William Harding jirreferi ghall-kaz **Il-Pulizija vs. Joseph Bugelli et** deciz fl-24 ta' Jannar 1942 fejn jghid illi fil-kaz ta' ricettazzjoni dawn ir-regolamenti ghandhom japplikaw:

> *"(1) the offence consists in an act subsequent to the main offence (theft, fraud, etc.), even though ancillary thereto, and constitutes an offence per se, and not a form of complicity;*
>
> *(2) three conditions are essential, i.e. (a) that previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchases, or, in any manner, taken part in the selling of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods;*
>
> *(3) Anyone who by his own act, of whatsoever nature, facilitates the disposal of the goods, contravenes the section."*

Illi, filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, tinnota li ma jirrizultax minn effettivament seraq il-mutur *outboard* in kwistjoni. Mill-atti processwali l-Qorti ma ssib l-ebda ness li bih tista' tikkonkludi li l-imputat ghandu jinstab hati tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

Illi, tenut kont tal-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' ricettazzjoni, kif elenkati aktar il-fuq, u tenut kont tal-provi

prodotti u mismugha, il-Qorti ma jirrizultalhiex li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata. Kieku ghall-grazzja tal-argument, u ghall-grazzja tal-argument **BISS**, kellu jirrizulta li l-mutur *outboard* li gie ezebit formalment f'dawn il-proceduri kien l-istess mutur li nsteraq minn ghand il-parti leza, ma jirrizultax li l-imputat kien konxju li dan il-mutur li huwa xtara, dejjem jekk xtrah, minn ghand persuna mhux maghrufa kien effettivament misruq! Il-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova li xjentement tipprova li l-imputat kien xtara dan il-mutur meta kien jaf li kien misruq.

Illi, ghalkemm il-Qorti tista' tispekula dwar dak li setgha gara, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Ghal dawn il-motivi, l-imputat ser jigi liberat ukoll mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat John Joseph Cauchi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**